# Riflessjoni ta' sena ħidma fil-Parlament

minn **Doris Azzopardi** - ritratt **Michael Ellul**

*L-esperjenza parlamentari ta' Franco Debono bdiet mid-diskors tiegħu b'risposta għad-diskors tal-President. Dan propju għaliex hu l-iżgħar Deputat tal-Gvern. Minn hemm l-impenn kontinwu tiegħu offrielu esperjenzi u sensazzjonijiet differenti. F'għeluq is-sena mill-elezzjoni li fiha kien elett, lejliet għeluq sninu u disa' snin wara li ħa l-warrant ta' avukat,* ***Franco Debono*** *jitkellem dwar is-sena ħidma li għaddiet...*



*FRANCO DEBONO: Is-saħħa tal-PN hi fl-għarfien taż-żminijiet*

"Jien l-iżgħar deputat tal-Gvern iżda jidher ċar li dan l-ispirtu żagħżugħ janima l-ħidma kollha tal-Gvern. Dan hu Gvern li għandu l-ħeġġa jidentifika l-oqsma fejn jeħtieġ jintervjeni, u għandu r-rieda, l-enerġija u l-viżjoni biex iwettaq ir-riformi neċessarji."

Hekk beda biex ikkummenta meta ltqajt miegħu hu u dieħel il-Parlament u staqsejtu kif iħossu, issa sena wara li rifes għall-ewwel darba l-għatba tal-Parlament.

Franco, li hu avukat u għandu ideat ċari, hu konxju li l-ħidma fil-Parlament hi servizz għall-poplu u, filwaqt li jżomm saqajh mal-art, jaħdem biex tassew ikun ta' servizz għal ħaddieħor.

"Nerġa' nisħaq fuq l-ispirtu żagħżugħ li janima l-ħidma tal-Gvern. Ħidma żagħżugħa li l-aktar li tispikka, forsi hi fir-rivoluzzjoni fil-kultura ambjentali, kif anke kienet implimentata fl-aħħar Baġit, iżda wkoll fl-edukazzjoni, fit-trasport pubbliku, kif ukoll fil-qasam tat-tiġustizzja permezz tat-tnedija tal-*white paper* dwar il-*parole*."

Franco, minkejja l-età ta' 35 sena, ilu jimmilita fil-Partit Nazzjonalista għal diversi snin qabel laħaq avukat. Għandu għal qalbu 'l-partit u meta staqsejtu kif iħares lejn il-Partit Nazzjonalista, ikkonferma dan kollu.

"Il-partit ukoll, minkejja s-sensiela ta' rebħiet elettorali, jagħraf il-ħtieġa li jiġġedded, jaġġorna u jirfina l-politika u l-istrutturi tiegħu; inbidel is-Segretarju Ġenerali u l-Assistent Segretarju Ġenerali, li qed ikomplu fuq il-ħidma importanti ta' Joe Saliba u ta' qablu.

"Fil-fatt nemmen li s-saħħa vera ta' dan il-partit hi s-sens ta' għarfien tas-sinjali taż-żminijiet, tal-għarfien tal-bżonn ta' tiġdid, filwaqt li jibqa' dejjem viċin in-nies; il-partit tan-nies, fejn il-bniedem hu ċ-ċentru tal-politika.

"Partit determinat li jagħmel id-differenza fil-ħajja tan-nies mhux bi *slogans* u retorika iżda permezz ta' sustanza politika li trendi u tagħti riżultati konkreti.

"Partit li għax ħa deċiżjonijiet għaqlin, dejjem sab ruħu fin-naħa t-tajba tal-istorja. Riċentement fil-fatt kienu mwaqqfa *issue groups* biex jgħinu lill-partit jagħġen il-politika tiegħu f'oqsma differenti."

## Opportunitajiet

Kif diġà għedt Franco hu avukat u meta nħatar membru parlamentari fl-elezzjoni tas-sena li għaddiet kien fl-aqwa tal-karriera tiegħu. Iżda Franco wasal fejn wasal għax tela' tarġa tarġa bil-forzi u l-perseveranza tiegħu.

F'intervista li kienet dehret f'Jannar 2001 f'din il-gazzetta, ftit wara li sar avukat, hu kien qal hekk:

"Il-ħila qiegħda fil-fatt li l-ostakli, bil-galbu, bil-għaqal u bl-umiltà tibdilhom f'opportunitajiet pożittivi". Hekk għamel Franco li rnexxielu jasal bl-għaraq ta' ġbinu.

"Iltqajt ma' kull diffikultà immaġinabbli. Bdejt mix-xejn. Fil-familja m'għandi lil ħadd konness mal-professjoni legali, u lanqas mal-politika. Meta riċentement indirizzajt il-Parlament taż-Żgħażagħ dan kien il-messaġġ tiegħi: Mhux ħażin li ż-żgħażagħ joħolmu, anzi hekk għandhom jagħmlu, basta jkunu lesti jistinkaw u jagħmlu sagrifiċċju bl-istess intensità. Nemmen fil-valur tal-umiltà. Nemmen fil-valur tas-sagrifiċċju. Ħeġġiġt liż-żgħażagħ ukoll ma jinġarrux mal-kurrent u jkunu dejjem gwidati mill-valuri."

Minkejja dan, Franco għandu kliem ta' tifħir u ringrazzjament għall-familja tiegħu li dejjem sabha warajh.

Il-professjoni ta' avukat hi għal qalbu ħafna u sa sena ilu prattikament kien jonqsu jorqod fl-awla tal-Qorti. Hu jiddiskrivi hekk il-ħidma tiegħu bħala avukat:

"Fl-awla kriminali tiġi wiċċ imb'wiċċ mal-fattizzi ewlenin tal-persuna bħala umana; tal-emozzjonijiet, id-dgħufija, it-tbatija tal-bniedem li jsib ruħu daħru mal-ħajt. Tirrealizza li f'kull wieħed hemm it-tajjeb. Tinduna kemm f'kulħadd hemm x'issalva. Tapprezza wkoll illi kull reat iħalli vittma bl-emozzjonijiet tagħha wkoll.

"F'dan l-ispirtu ta' bilanċ bejn l-interessi tal-partijiet kollha involuti fil-proċess penali, tnediet il-*white paper* li taħseb biex tintroduċi l-*parole*, wegħda oħra elettorali."

Franco kompla jgħid li x-xogħol ta' avukat difensur ħa svolta konsiderevolment differenti minn dik ta' ħmistax, għoxrin sena ilu.

Il-kodiċi kriminali għadda minn proċess estensiv ta' emendi li fost oħrajn taw aktar poteri, kemm lill-Pulizija kif ukoll lill-Avukat Ġenerali. Inoltre, il-prova xjentifika forensika assumiet rwol fundamentali.

## Provi forensiċi

"Fejn qabel il-Pulizija kienu ikollha tistrieħ fuq xhieda okulari, illum issaħħaħ u tagħlaq aħjar il-każ tagħha bi provi forensiċi, li diffiċli wieħed jirribatti. L-oratorija fina tant assoċjata mal-arti tad-difiża, ftit għandha effikaċja kontra l-evidenza xjentifika skjaċċanti."

"Fil-Parlament tkellimt diversi drabi dwar il-ħtieġa tal-introduzzjoni fil-liġi tagħna tad-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju, u nemmen li wasal iż-żmien li din tkun introdotta."

Lura għall-ħidma fil-Parlament, Franco jiddeskrivi bħala unur il-fatt li kellu l-possibbiltà li jattendi l-parlament tal-persuni bi bżonnijiet speċjali.

"Hemm irrealizzajt, u fil-fatt kont anke ktibt artiklu, kemm kull wieħed u waħda minna nbatu minn nuqqasijiet. Id-differenza hi waħda ta' grad. Fhimt li tkun diżabbiltà min-naħa tagħna jekk nonqsu li nifhmu l-bżonnijiet ta' ħaddieħor."

## Speċjalizzazzjoni

Argument ieħor li ddiskutejt ma' Franco hu r-riforma fil-Parlament Malti u l-ambjent li jirrenja bejn iż-żewġ partijiet tal-Kamra. Franco qal li jemmen li wasal iż-żmien li qed ngħixu fl-era tal-ispeċjalizzazzjoni. Qed ngħixu f'soċjetà aktar kumplessa, b'rata mgħaġġla ta' żvilupp, ta' mmodernizzar kontinwu.

"F'dan is-sens il-Parlament hu anakroniżmu. Wasal iż-żmien li fil-Parlament isiru riformi estensivi. Irridu nikkunsidraw serjament il-membru parlamentari għandux ikun *full-time*. Jeħtieġ issir analiżi tal-*istanding orders*, u proposti għal reviżjoni."

Franco jemmen ukoll li l-*media* għandha tirrapporta aħjar id-diskorsi, u possibbilment anke ċerti seduti jixxandru fuq it-TV.

"Neħtieġu wkoll l-assistenza ta' riċerkaturi li jassistu fil-preparazzjoni tad-diskorsi. Għajnuna li tkun apprezzata ħafna."

Ħidma importanti li ssir fil-Parlament Malti hi dik mill-Kumitati tal-Kamra, ħidma ta' dettall li Franco jemmen li għandha tkun elevata. Hu membru fil-Kumitat Permanenti dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

"Għandhom jingħataw aktar faċilitajiet. Jiena membru fil-Kumitat Permanenti dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp. Nemmen li l-iskop ta' dan il-kumitat għandu jitwessa' konsiderevolment biex jirrifletti r-rwol ċentrali tal-qasam ambjentali u l-iżvilupp sostenibbli fil-programm ta' ħidma għal din il-leġislatura."

Is-sena ħidma fil-Parlament rat diskussjonijiet varji u deċiżjonijiet kruċjali. Issa resqin lejn deċiżjoni storika – l-għażla tal-President il-ġdid.

"Ċertament li d-deċiżjoni storika, il-ħatra tal-President il-ġdid, turi sens ogħla għall-kunċett tal-istat Malti. Tkabbar is-*sense of pride* nazzjonali u s-sens ta' għaqda. Fiha nfisha hi l-akbar ringrazzjament lejn dawk li ħadmu f'dan il-pajjiż fl-imgħoddi biex ilħaqna dan il-grad ta' maturità politika.

"Nistgħu nagħmlu dan il-pass storiku llum għax qegħdin f'pożizzjoni nibnu fuq kisbiet ta' dawk ta' qabilna. Għalhekk din il-maturità politika hi l-akbar ringrazzjament għall-ġenerazzjonijiet ta' politiċi li ġew qabel, fosthom ringrazzjament lil min fis-snin tmenin ħadem tant għall-kisba tal-libertà ċivili f'dan il-pajjiż."

Hawn ma stajtx ma nistaqsix lil Franco jiddeskrivi l-atmosfera bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra. Il-viżjoni tiegħu ta' politiku żagħżugħ ċertament hi interessanti.

"Irrid ngħid li rajt ħafna kooperazzjoni bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra. Ma nistgħux naqblu f'kollox ovvjament. F'dan il-kuntest ukoll, wasal iż-żmien illi nifhmu aħjar ir-rwol tal-partiti politiċi nfushom, bħala organizzazzjonijiet essenzjali għat-tħaddim tad-demokrazija, bħala għaqdiet ta' rilevanza prinċipali fil-funzjonament tal-apparat kostituzzjonali.

"Għadna lura ħdejn pajjiżi oħra f'leġislazzjoni li tirregola l-partiti nfushom. Jeħtieġ nesploraw riformi f'dan il-qasam ukoll."

***Nemmen fil-valur tad-determinazzjoni. Nemmen fil-valur tal-umiltà. Nemmen fil-valur tas-sagrifiċċju.***